# *il- Fosos tal-Qamħ u l-imtieħen fil-Floriana.*

*minn Publio Agius*

Sa mill-bidu tal-iżvilupp tagħha il-belt li l-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena (1722-1736) bena, u li oriġinarjament kienet iffortifikata mill-Enġinier Pietro P. Floriani baqghet xhieda ta' sopravivenza ħajja matul is-sekli u protagonista ewlenija fiż-żmien diffiċli tal-Gwerra, meta kollox kien jiddependi mill-ħażniet tal-ikel, fosthom il-qamħ.
Il-kwantita' ta' fosos mxerrdin madwar il-meded ta' art fil-Floriana servew bħala mħażen ċkejknin biex jinħażen il-qamħ, l-aktar prodott essenżjali għall-ħajja f'kull żmien. L-art agrikola Maltija ma kenitx tipprovdi aktar miinn kwart tal-qamħ li l-popolazjoni ta' l-ewwel żmien kellha bżonn u ghalekk il-gżira kienet tiddependi fuq l-importazzjoni prinċipalment minn Sqallija.
Il-ħtieġa li jitħaffru aktar fosos għall-ħażna tal-qamħ kienet urġenti għal diversi raġunijiet. Il-ħbit għalarrieda tal-furbani fuq bastimenti b'konsenji abbundanti ta' qamħ li kienu jbaħħru lejn Malta, kif ukoll is-sitwazzjoni mwiergħa fiż-żmien ta skarsezza kien jikkawża inċertezza kbira fuq l-għixien tal-poplu Malti.
Il-Grand Mastru de Redin (1657-1660) kien ta mportanza kbira lill-iżvilupp ta' aktar fosos speċjalment viċin ċentri residenzjali bħal Birgu, l-Belt Valletta (Sant' Iermu) u f'inħawi oħra biex fihom issir il-ħażniet ta' qamħ sabiex isservi fit-tul, u fost kollox biex meta l-prezz tal-qamħ ikun baxx jinxtraw provvisti fi kwantitajiet kbar u dawn jinħażnu fihom.
Dawn il-fosos kellhom għamla ta' qanpiena mħaffra madwar sular fil-blat, u mgħottija b'għatu kbir tal-ġebel li kien jissiġilla l-fossa biex il-qamħ jibqa' ppreservat fit-tul. Illum l-uniċi fosos li għadhom jeżistu jinsabu - qrib il-kunvent tal-Kapuċċini, li huma l-eqdem li nsibu fil-Floriana flimkien ma' dawk li baqa' f'Misraħ Papa Ġwanni XXIII, quddiem il-monument tal-GM de Vilhena. Fil-fatt dawn l-aħħar kienu ferm aktar fin-numru, speċjalment qabel il-Gwerra, u uħud minnhom kienu jaslu sa l-bidu tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Matul il-Ħakma tiegħu il-Gvernatur Richard More O'Farrell (1847-1851) ordna li jitħaffru 75 fossa ġdida fil-wesgħa ta'quddiem il-knisja ta' San Publiju, peress li kien qiegħed jinħass il-bżonn ta' aktar ħażniet għall-qamħ għall-għixien tal-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. In fatti dawn il-fosos kienu utli ħafna speċjalment matul iż-żmien diffiċli ta' l-aħħar Gwerra, meta d-destin tal-poplu kien jiddependi mill-ħażniet limitati u dejjem jonqos tal-ikel fosthom il-qamħ, li kien għad fadal fil-pajjiż.
Ta' min wieħed josserva li fil-Floriana minbarra l-preżenza tal-fosos mxerrda madwar il-Floriana, kif ukoll fil-viċinanza tal-Port il-Kbir, dawn l-hekk imsejjħa 'silos' ġabu magħhom il-ħtieġa li jibnew ukoll imtieħen biex jiġi pproċessat il-qamħ għall-manifattura tal-ħobż.
Waqt riċerka li għamilt dan l-aħħar ġiet f'idejja kopja ta' pjanta nteressanti li tmur lura għad-data tat-23 ta' Lulju 1738, fejn fuq in-naħa tal-Kunvent tal-Kapuċċini tidher b'reċint madwarha kif ukoll mitħna iżgħar 'l hinn minnha. Jingħad ukoll li għadha teżisti l-bażi tal-mitħna li kienet tinsab qrib il-Kurja. Jekk l-informazzjoni li għaddewli hi minnha din tista' tkun eżatt wara l-vaska tad-denfil, faċċata tal-passaġ priċnipali hekk kif tidħol mid-daħla tal-Gnien tal-Argotti.
Illum il-ġurnata l-importanza tal-fosos spiċċat għal kollox għax matul iż-żmien inbnew (silos) kbar hafna fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Port il-Kbir, n-naħa ta Kordin. Madankollu jibqa' l-fatt li sa żmienna l-fosos baqgħu meqjusin għall-importanza storika tagħhom, kif ukoll bħala l-post l-aktar popolari għar-rikreazzjoni u fejn jiġu organizzati manifestazzjonijiet nazzjonali ta' kull xorta.



Dehra ta' mitħna antika li tixbaħ ħafna dawk li kienu jezistu fil-Floriana qabel is-seklu tmintax.



quddiem il-monument tal-GM de Vilhena. Fil-fatt dawn l-aħħar kienu ferm aktar fin-numru, speċjalment qabel il-Gwerra, u uħud minnhom kienu jaslu sa l-bidu tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Matul il-Hakma tiegħu il-Gvernatur Richard More O'Farrell (1847-1851) ordna li jitħaffru 75 fossa ġdida fil-wesgħa ta'quddiem il-knisja ta' San Publiju, peress li kien qiegħed jinħass il-bżonn ta' aktar ħażniet għall-qamħ għall-għixien tal-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. In fatti dawn il-fosos kienu utli ħafna speċjalment matul iż-żmien diffiċli ta' l-aħħar Gwerra, meta d-destin tal-poplu kien jiddependi mill-ħażniet limitati u dejjem jonqos tal-ikel fosthom il-qamħ, li kien għad fadal fil-pajjiż. Ta' min wieħed josserva li fil-Floriana minbarra l-preżenza tal-fosos mxerrda madwar il-Floriana, kif ukoll fil-viċinanza tal-Port il-Kbir, dawn l-hekk imsejjħa 'silos' ġabu magħhom il-ħtieġa li jibnew ukoll imtieħen biex jiġi pproċessat il-qamħ għall-manifattura tal-ħobż.
Waqt riċerka li għamilt dan l-aħħar ġiet f'idejja kopja ta' pjanta nteressanti li tmur lura għad-data tat-23 ta' Lulju 1738, fejn fuq in-naħa tal-Kunvent tal-kapuċċini tidher b'reċint madwarha kif ukoll mitħna iżgħar 'l hinn minnha. Jingħad ukoll li għadha teżisti l-bażi tal-mitħna li kienet tinsab qrib il-Kurja. Jekk l-informazzjoni li għaddewli hi minnha din tista' tkun eżatt wara l-vaska tad-denfil, faċċata tal-passaġġ prinċipali hekk kif tidħol mid-daħla tal-Gnien tal-Argotti.
Illum il-ġurnata l-importanza tal-fosos spiċċat għal kollox għax matul iż-żmien inbnew (silos) kbar ħafna fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Port il-Kbir, in-naħa ta Kordin. Madankollu jibqa' l-fatt li sa żmienna l-fosos baqgħu meqjusin għall-importanza storika tagħhom, kif ukoll bħala l-post l-aktar popolari għar-rikreazzjoni u fejn jiġu organizzati manifestazzjonijiet nazzjonali ta' kull xorta.